MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 257/1990/1

**L-Avukati Paul Mallia u Albert Grech bhala mandatarji tas-socjeta` *Avonstar Contractors Ltd*, registrata l-Ingilterra**

**vs**

**Sammy Meilaq u Lawrence V. Farrugia fil-kwalita` rispettiva taghhom ta` *chairman* tal-kunsill u *general manager* tal-*Malta Drydocks*; u b`digriet tat-13 ta' Marzu 1997 il-Professur Noel Zarb Adami fil-kwalita` tieghu ta' *chairman* tal-*Malta Drydocks* assuma l-atti ghan-nom tal-korporazzjoni minflok Sammy Meilaq u Lawrence V. Farrugia**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku sollevata mis-socjeta` konvenuta. Ghall-ahjar intendiment ta’ din is-sentenza, ser jigu traccjati brevement il-fatti saljenti.

Permezz ta’ citazzjoni datata 2 ta’ Marzu, 1990 is-socjeta` Avonstar Contractors Ltd. talbet li l-Malta Drydocks tigi dikjarata responsabbli tad-danni sofferti minnha meta fil-Manoel Island Yacht Yard inharaq il-*yacht* “Flingot” li kien jinsab f’dak il-kantier ghal xi tiswijiet. Fl-20 ta’ Novembru, 1997 certu Teddy Borg u Maurice Portelli, permezz ta’ l-istess avukat li kien qieghed jidher bhala wiehed mill-mandatarji tas-socjeta` attrici (l-Avukat Paul Mallia) ippresenta <u>nota</u> li kienet tghid hekk: *“Nota ta’ Teddy Borg u Maurice Portelli, li biha, peress li llum huma proprietarji tal-yacht Flingot, jassumu f’isimhom l-atti tal-kawza”*. Din in-nota tinsab a fol. 227 ta’ l-atti[1]. Permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri datata 15 ta’ Frar, 1999 is-socjeta` konvenuta eccepiet *“Illi l-atturi attwali Edward sive Teddy Borg u Maurice Portelli m’ghandhomx interess guridiku fl-azzjoni proposta u ghalhekk l-eccepjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.”* Fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju, 2000 il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni ulterjuri ghall-24 ta’ Novembru, 2000 (bil-fakolta` li l-partijiet jaghmlu noti ta’ osservazzjonijiet). Hawnhekk wiehed jista’ issa jirriproduci s-sentenza appellata:

“Din il-kawza kienet infethet mis-socjeta` barranija *Avonstar Contractors Ltd* – li kienu qeghdin jidhru ghaliha l-Avukati Paul Mallia u Albert Grech – b`talba li l-qorti tghid li l-korporazzjoni konvenuta ghandha twiegeb ghat-telf li garrbet l-attrici meta nharaq *yacht* proprjeta` taghha waqt li kien f`idejn il-konvenuta.

[1] Din il-Qorti tosserva l-mod xejn felici kif jinsabu enumerati l-pagni tal-process. In fatti wara fol. 343 il-pagna li ssegwi giet enumerata, evidentement bi zvista, 244 flok 344, b’mod li pagni enumerati fol. 244 sa 286 hemm zewg settijiet: dawk ta’ qabel id-19 ta’ Jannar, 1999 u dawk li jibdew mill-udjenza tad-9 ta’ Frar, 1999 sa dik tad-9 ta’ Marzu, 2001 meta l-ewwel Qorti giet infurmata mid-difensur tas-socjeta` konvenuta li kien sar l-appell mis-sentenza preliminari u ghalhekk dik il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista sakemm jigi determinat l-appell.

Waqt is-seduta tal-20 ta` Novembru 1997 Teddy Borg u Maurice Portelli ipprezentaw nota li biha assumew f`isimhom l-atti tal-kawza ‘peress illi llum huma l-proprjetarji tal-*yacht*’. Dwar dan l-episodju tal-prezentata ta-nota, il-verbal tas-seduta jghid hekk:

Dr Mallia ipprezenta nota li biha Teddy Borg u Maurice Portelli assumew l-atti minflok is-socjeta attrici.
Il-qorti tistieden lil dawk li ser jassumu l-atti sabiex jesebixxu dokument awtentiku li juri l-akkwist minnhom tal-yacht meritu tal-kawza.

Il-verbal isemmi lil Borg u Portelli bhala *dawk li ser jassumu l-atti*, u mhux bhala *dawk li assumew l-atti*, ghax assunzjoni ta` l-atti ma ssirx b`att unilaterali, bhal ma hi nota, izda bil-procedura li jrid l-art. 810A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili:

**810A**. Fil-kaz ta’ xi bdil iehor tal-partijiet f`kawza ghal raguni ohra li ma tkunx il-mewt *pendente lite* ta’ xi parti fil-kawza, min ikun jixtieq jidhol fil-kawza ghandu jipprezenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawza flimkien ma’ jew minflok dik il-parti li hemm ghandha x`taqsam, u s-sentenza tkun ukoll torbot lil dik il-parti li tkun assumiet l-atti tal-kawza.

Borg u Portelli baqghu sallum ma ressqux xiehda kif trid il-ligi biex juru li tassew huma s-sidien tal-*yacht*, u ghalhekk baqghu sallum ma nghatawx awtorizzazzjoni biex jassumu l-atti. Anzi, kif turi –nota ta` osservazzjonijiet ipprezentata minnhom fl-10 ta’ Lulju, 2000 issa qeghdin jistqarru illi ma huma xejn sidien tal-*yacht*, ghax sid ghadha s-socjeta` *Avonstar Contractors Ltd.*

Minkejja dan, fil-15 ta’ Frar 1999, il-korporazzjoni konvenuta ressqet eccezzjoni fejn talbet li tinheles mill-harsien tal-gudizzju billi Edward Borg u Maurice Portelli ma ghandhomx interess guridiku fl-azzjoni.

Din l-eccezzjoni, izda, kienet prematura, billi nghatat qabel ma ntlaqghet it-talba ta` Borg u Portelli biex jithallew

jassumu l-atti, u issa c-cirkostanzi juru li t-talba ma tistax tintlaqa`. Ladarba l-attrici fil-kawza ghadha *Avonstar Contractors Ltd,* lanqas l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess ma tista' tintlaqa'.

Il-qorti ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku. Billi kienet in-nota taghhom tal-20 ta' Novembru 1997 li holqot l-ekwivoku u l-htiega ghal dan il-provvediment, huwa xieraq li Edward Borg u Maurice Portelli jhallsu sehem mill-ispejjez, u ghalhekk il-qorti tikkundannahom ihallsu nofs l-ispejjez ta' dan l-episodju; in-nofs l-iehor ta' l-ispejjez ghandha thallsu l-korporazzjoni konvenuta.
Il-qorti tordna wkoll li jithassar il-kliem 'u b`nota tal-20 ta' Novembru 1997 Teddy Borg u Maurice Protelli assumew l-atti tal-kawza' li kien zdied wara l-isem ta' l-attrici fl-*occhio* tal-kawza".

Is-socjeta` (jew kif issejjah lilha nnifisha "korporazzjoni") konvenuta nghatat permess tappella fid-9 ta' Frar, 2001; u fl-14 ta' Frar, 2001 gie ppresentat ir-rikors ta' appell quddiem din il-Qorti.

Is-socjeta` konvenuta qed tikkontendi bazikament li l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi kif effettivament iddecidiet – cioe` li l-eccezzjoni kienet intempestiva u ghalhekk ma setghetx tintlaqa' – peress li Teddy Borg u Maurice Portelli kienu effettivament assumew l-atti u ghalhekk kienu huma l-atturi u mhux aktar il-mandatarji tas-socjeta` Avonstar Contractors Ltd. Il-qofol ta' l-aggravju tas-socjeta` appellanti jinsab sintetizzat fis-segwenti bran tar-rikors ta' appell taghha:
*"Dak il-hin stess [fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru, 1997] il-Qorti ppermettiet u konsegwentement awtorizzat li jsir it-tibdil fl-okkju tal-kawza biex jigi registrat li* "b'nota tal-20 ta' Novembru 1997 Teddy Borg u Maurice Portelli assumew l-atti tal-kawza"*. Dan it-tibdil sar u gie certifikat mir-Registratur ta' l-Awla* seduta stante.*"*

L-argument tas-socjeta` appellanti hu li, galadarba l-ewwel qorti kienet qed tikkonsidra lil Borg u Portelli bhala

l-atturi l-godda (minflok is-socjeta` Avonstar rappresentata mill-mandatarji taghha) ma setghetx f'daqqa wahda tiddeciedi li dawn ma kienux l-atturi f'din il-kawza, aktar u aktar meta l-istess socjeta` konvenuta ma kienet qajmet ebda kwistjoni dwar l-assunzjoni ta' l-atti minnhom u kienet tat l-eccezzjoni ulterjuri peress li kulhadd, inkluza l-ewwel Qorti, kienet qed tikkunsidra lil dawn it-tnejn bhala atturi.

Minn ezami akkurat ta' l-atti jidher li dak li gara kien dovut ghal zball tar-registratur, zball li zvija lill-partijiet u, possibilment ghal certu zmien, anke lill-ewwel Qorti. Mhix korretta, pero`, is-socjeta` appellanti meta tghid li l-ewwel qorti "ippermettiet" u "awtorizzat" it-tibdil fl-okkju tal-kawza, fis-sens li l-ewwel Qorti donnha b'xi mod kienet qed tissanzjona l-assunzjoni ta' l-atti vantata minn Borg u Portelli bin-nota taghhom tal-20 ta' Novembru, 1997 (fol. 227). Anzi, kif korrettement gie senjalat fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti qatt ma accettat dik in-nota bhala definittiva, fis-sens li permezz taghha kienet effettivament qed issir l-assunzjoni ta' l-atti. Infatti, il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Novembru, 1997 (fol. 226) jirreferi car u tond ghal *"…dawk li ser jassumu l-atti…"* (sottolinear ta' din il-Qorti) u li dawn gew mistiedna jezibixxu dokument awtentiku li juri l-akkwist minnhom tal-*yacht* meritu tal-kawza. Imkien fil-verbal tal-20 ta' Novembru, 1997 jew f'xi verbal sussegwenti l-ewwel Qorti ma ordnat lir-registratur jew gibditlu l-attenzjoni biex jaghmel xi korrezzjoni fl-okkju. Effettivament, pero`, ir-registratur jew xi hadd ghan-nom tieghu zied fuq ic-citazzjoni originali u wara l-kliem "registrata l-Ingilterra" il-kliem *"u b'nota tal-20 ta' Novembru 1997, Teddy Borg u Maurice Portelli assumew l-atti tal-kawza f'isimhom"*. Din iz-zieda, ghalkemm inizjalata, ma ggib ebda data[2]. Apparti dan kollu, pero`, l-Artikolu 810A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa carissimu fil-portata tieghu: f'kaz bhal dak in dizamina l-assunzjoni ta' l-atti kellha ssir permezz ta' talba migjuba b'rikors u mhux permezz ta' semplici nota. Talba f'rikors necessarjament timplika n-neccessita` ta'

[2] L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ordnat il-kancellament ta' dawn il-kliem. Proprjament thalliet barra l-kelma "f'isimhom", pero` din il-Qorti ma tarax li dan ibiddel xi haga sostanzjali minn dak li ser jigi deciz f'din is-sentenza.

pronunzjament tal-Qorti li bih tlqa' jew tichad dik it-talba. F'dan il-kaz ma saret ebda talba; u l-ewwel Qorti, ghalhekk, ma setghetx tilqa' jew tichad talba li qatt ma saret. Huwa veru li xi whud mill-verbali jitkellmu dwar "l-atturi" mhux b'referenza ghall-Avukati Mallia u Grech. Hekk, per ezempju, il-verbal tas-27 ta' April, 1999 jghid *"Meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Paul Mallia u Dr. Albert Grech ghall-atturi"*. Pero`, kif inghad, jidher li kulhadd gie zvijat bl-annotazzjoni maghmula mir-registratur. Jizdied jinghad ukoll li l-Artikolu 810A msemmi gie introdott bl-Artikolu 298 tal-Att XXIV ta' l-1995, u gie fis-sehh fl-1 ta' Ottubru, 1995 (ara l-Avviz Legali 131 ta' l-1995). Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-20 ta' Novembru, 1997, meta tqajmet ghall-ewwel darba l-kwistjoni ta' l-assunzjoni ta' l-atti da parti ta' Borg u Portelli, il-procedura tassattivament traccjata mil-legislatur fl-imsemmi Artikolu 810A kienet diga fis-sehh.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti hija f'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn nofs l-ispejjez ta' l-incident meritu ta' dik is-sentenza gew akkollati lill-imsemmija Borg u Portelli. Teknikament huma qatt ma kienu parti fil-kawza: il-parti attrici baqghet dejjem is-socjeta` Avonstar Contractors Ltd. rappresentata mill-mandatarji taghha l-Avukati Paul Mallia u Albert Grech. Kwalsiasi "intervent" ta' Borg u Portelli fil-proceduri ma jistax hlief jigi kwalifikat bhala wiehed abuziv. Hija ghalhekk is-socjeta` attrici li ghandha ggorr nofs l-ispejjez ta' l-incident meritu tas-sentenza appellata, u dana peress li kienet hija, permezz tal-mandatarji taghha, li ppermettiet tali ntruzjoni abuziva. F'dan is-sens, ghalhekk, dik il-Qorti ser tvarja l-ordni dwar l-ispejjez kif jinsab fis-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Edward (Teddy) Borg u Maurice Portelli ihallsu nofs l-ispejjez konnessi ma dik is-sentenza, u minflok tordna li dan in-nofs jithallas mill-Avukati Paul Mallia u Albert Grech bhala mandatarji tas-socjeta` Avonstar Contractors Ltd., izda tkkonferma s-sentenza

appellata fil-bqija. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-istess kawza tkompli tinstema' u tigi determinata skond il-ligi.

Dep/Reg
gs